


**SUĊĊESSUR DENJU**

# Anniversarju



minn **Franco Debono**
www.francodebono.info

Peress li ilu żmien jinħass il-bżonn ta' aġġornament fil-proċeduri Parlamentari, ftit tas-snin ilu tħejja rapport, li ma kienx implimentat, li ippropona diversi emendi f'dan il-qasam.

Minn meta, iżda, Ugo Mifsud Bonniċi hejja dak ir-rapport dettaljat dwar tibdil fl-i*Standing Orders*, pajjiżna esperjenza qabża estensiva fil-qasam tat-teknoloġija tal-informatika, u nemmen li anke l-Parlament għandu jibbenefika minn dan l-avvanz, bl-aktar mod ampju, li jkun rifless anke fl-operat tal-Parlament innifsu u kif iwassal il-messaġġ tiegħu.

L-iżvilupp storiku tal-Parlament fl-Ingilterra minn kumitat konsultattiv tat-Tron, għat-tempju tad-demokrazija li hu llum, mudell segwit f'diversi pajjiżi madwar id-dinja, kif ukoll il-mixja storika ta' din l-istituzzjoni f'pajjiżna, kien frott tal-ħidma ta nies qalbiena li ssagrifikaw saħħithom jekk mhux ħajjithom għad-demokrazija, u għad-dritt li l-poplu jkun iggvernat minn rappreżentanti tiegħu stess.

Ma jistax ikollok demokrazija f'saħħitha mingħajr Parlament f'saħħtu. Hemm bżonn inkomplu nsaħħu l-Parlament u nressquh aktar qrib tal-poplu.

Il-Parlament hu l-ogħla u l-aktar forum rappreżentattiv ta' diskussjoni fil-pajjiż. Għandu l-funzjoni mhux biss li jiddibatti iżda wkoll li jilleġisla kif ukoll li jiskrutinja u jissorvelja l-operat tal-Gvern. M'hemmx privileġġ akbar f'soċjetà, milli tkun fdat bir-responsabbiltà li tirrappreżenta lill-poplu fil-Parlament.

Il-Parlament jissinkronizza l-unità fil-prinċipji demokratiċi fundamentali, mad-diversità fil-ħsibijiet u twemmin tal-gruppi politiċi differenti. Hu għalhekk fundamentali li l-Parlament ikun qrib tal-poplu bl-aħjar mod possibbli.

Il-Parlament mhux tal-politiċi; il-Parlament hu tal-poplu li politikament hu sovran.

Għaldaqstant importanti naġġornaw u nirfinaw proċeduri eżistenti li jkomplu jqarrbu lill-Parlament lejn il-poplu, kemm fil-plenarju kif ukoll fil-kumitati parlamentari, billi, fost oħrajn, nemendaw l-i*Standing Orders*, billi nieħdu bħala bażi r-rapport ta' Ugo Mifsud Bonnici u naġġornawh għar-realtajiet tal-lum. Importanti nsostnu d-dinjità u nelevaw l-istatura tal-Parlament.

L-anniversarju tad-disgħin sena mit-twaqqif tal-Parlament, lura f'Novembru tal-1921, taħt il-kostituzzjoni tas-*self government*, li jaħbat din is-sena, hu okkażjoni eċċezzjonali biex dan kollu jsir.

Tajjeb, ngħidu aħna, li l-*House Business Committee* din il-ġimgħa ddiskuta l-implimentazzjoni ta' *live video streaming* tad-dibattiti parlamentari, biex il-poplu jħossu eqreb, ikun jista' jsegwi aħjar, b'aktar kumdità. Jien u oħrajn ilna nressqu 'l quddiem dan is-suġġeriment.

Irridu nikkunsidraw Parlament aktar f'saħħtu, imma wkoll awtonomu, li jkollu aktar riżorsi, kemm f'tagħmir u riżorsi umani, li jippermettu l-membri jwettqu b'mod aħjar u ta' kwalità ogħla l-funzjonijiet tagħhom, fid-dinja speċjalizzata tal-lum.

Ramifikazzjonijiet ulterjuri tat-tisħiħ tal-Parlament huma t-tisħiħ tal-Presidenza, possibbilment imbuttata mid-*due terzi*, aktar milli kif inhu inadegwatament illum, maġġoranza, lanqas assoluta, iżda sempliċiment sempliċi, u li tkompli fuq id-deċiżjoni storika ta' Lawrence Gonzi li jaħtar President ġej mill-kamp politiku oppost.

Ir-riforma fil-liġi elettorali, li tassigura l-governabbiltà, u fil-limitu tal-possibbli u prattiku, il-massima proporzjonalità; liġi dwar il-finanzjament tal-partiti politiċi, fundamentali għad-demokrazija, u li jien, bħala Assistant Parlamentari fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru qiegħed naħdem fuqha; kif ukoll f'xenarju ħafna anqas polarizzat, nimmodernizzaw l-operat tal-partiti nfushom li mas-snin infetħu aktar; u nirrevedu r-rwol tal-istazzjonijiet tar-radju u t-televiżjoni tal-partiti, u jekk illum waslax iż-żmien li l-partiti jiddisponu minnhom.

Ukoll it-tisħiħ tal-uffiċċju tal-Ombudsman, li diġà kien diskuss f'din il-leġislatura, u t-tisħiħ tal-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni, liema liġi wkoll tinsab preżentement quddiem il-Parlament.

Irridu nkomplu nsaħħu l-istituzzjonijiet li ta' qabilna bnew b'tant tbatija u sagrifiċċji. Niċċelebraw dan l-anniversarju billi nsaħħu l-Parlament u nressquh eqreb lejn il-poplu, bl-aħjar użu, fost l-oħrajn, tat-teknoloġija tal-informatika.

Irridu nassiguraw li l-Parlament ikun qrib tal-poplu, b'mod li niffaċilitaw li l-poplu jista' jsegwi b'kumdità, u li jħoss li l-Parlament hu tassew qrib tiegħu, u jkun infurmat aħjar dwar x'ikun qed isehh. Dan kollu wkoll għandu jservi ta' tħejjija għal meta, daqt, il-Parlament se jkun qed jiġi trasferit għal bini ġdid.

Irridu niċċelebraw dan l-anniversarju importanti billi nressqu l-Parlament eqreb lejn dawk li jirrappreżenta – il-poplu sovran.

media·link COMMUNICATIONS
NET RADIO101 www.radio101.com.mt il-mument IN-NAZZJON PIN informa maltarightnow.com www.maltarightnow.com